MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Numru. 1252/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Yessous Camilleri**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat **Yessous Camilleri** ta’ 20 sena, iben Albert u Natalina nee’ Farrugia, imwieled il-Pieta f’17-11-1991 u joqghod Flat 5, Triq il-Merkanti, Camarata, s-sular t’ isfel, Valletta detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **599891M**;

**Fuq talba tal-awtorita’ tal-posta (Maltapost) gie akkuzat talli :** Bejn it-28 ta’ Mejju 2011 u it-13 ta’ Lulju 2011 f’dawn il-Gzejjer mort kontra l-gurament li inti hadt bhala pustier li taghmel ix-xoghol tieghek b’diligenza billi

tqassam l-ittri bla dewmien u li tqassam l-ittri rregistrati waqt li tipproduci l-ircevuti necessarji u li ma tiftahx ittri jew thalli lil xi terzi persuni jifthu xi ittri li jkunu taht ir-responsabilta' tieghek minghajr il-permess tal-persuna li tkun baghtet l-ittra jew il-pakkett jew ta' dak li jkun ser jircevieh skond il-ligi u li tobdi l-ordnijiet legittimi tas-superjuri tieghek, meta ma qassamtx disgha u ghoxrin (8) ittri bi ksur tal-Art 62(h) u tal-Art 75 tal-Kap 254 (servizzi postali) tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi qabel xejn din il-Qorti thoss li ghandha tissollecita lill-prosekuzzjoni sabiex f'kazijiet ohra fil-futur taghmel sforz zghir u tkun aktar specifika fejn ghandu x'jaqsam ir-reati li tkun trid tressaq kontra imputat. Dan qed jinghad ghaliex id-dicitura ta` l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat odjern hija xi ftit ingarbuljata. U l-Qorti kellha tiddetermina illi l-prosekuzzjoni riedet, u in effetti hekk hu, illi l-imputat jigi addebitat b'zewg reati distinti taht il-Kap 254 tal-Ligijiet ta` Malta, u cioe` :

Artikolu 62(h) – Kull persuna li ………..;

*tiftaħ b'għemil doluż jew iġġiegħel li jinfetaħ xi oġġett postali li kellu jiġi kunsinnat, jew* ***<u>b'għemil doluż</u>*** *tagħmel xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oġġett postali, ma titħalliex issir jew tiġi mdewwma milli ssir, jew tikkomunika jew tagħmel użu minn informazzjoni li tikseb minn oġġett postali li jkun ġie hekk miftuħ, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' bejn elf euro (€1,000) u ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew priġunerija għal żmien bejn xahar u tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien*.

Artikolu 75 –

*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull uffiċjal ta' operatur postali* ***<u>li jaġixxi bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-ġurament li ssir skont id-disposizzjoni tal-artikolu 30</u>****, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar jew multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u sittin euro (1,160) jew dik ilpriġunerija u multa flimkien*.

Il-Qorti hasset li kellha taghmel din il-kjarifika sabiex jigu mill-ewwel determinati l-parametri ta` din il-kawza.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Permezz ta` ittra mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 2 ta` Awwissu 2011, il-*Malta Communications Authority*, skond l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta` Malta, talbet sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat. Dan ghaliex wara investigazzjoini interna rrizulta li l-imputat kien naqas li jqassam numru ta` ittri fi tlett dati differenti. Dawn kienu nstabu fil-*boot* tal-karozza tieghu. F'data minnhom, jidher illi l-imputat kien hassu hazin u ddahhal l-isptar. Ghall-okkazjonijiet l-ohra, *ex admissis*, l-imputat jikkonferma li numru minnhom ma qassamhomx ghax kienu *missorted* u ohrajn ma tqassmux ghax insiehom peress li kien mghaggel. L-imputat, bhal ohrajn, kien juza l-vettura personali tieghu biex iqassam l-ittri. Ukoll, kienet prassi normali li jsiru *inspections* minn naha tal-*Management* u tas-*supervisors*, gewwa l-*pouches* u l-vetturi privati tal-pustiera.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti kollha jistghu jigu sintetizzati f'dak li kien xehed Vincent Farrugia fl-10 ta` Dicembru 2012. *A folio* 31 ta` l-atti jghid testwalment hekk :

"Kien hemm fuq tlett kazi u huwa qal illi rigward l-incident tat-28 ta` Mejju halla 5 ittri ma qassamhomx u meta dahal nesa jindorsjahom. Rigward l-incident tad-9 ta` Lulju, qal li

marad u huwa mar l-isptar u setgha kien hemm xi dubju fuqhom pero mbaghad ammetta illi l-incident tat-13 ta` Lulju, kien hemm 8 ittri li ma qassamhomx u sabuhomlu fil-karozza".

Irrizulta ampjament illi l-iputat kien impjegat bhala pustier u li in segwitu ghall-investigazzjoni interna huwa kien irrizenja mill-impjieg tieghu. Irrizulta wkoll, minn dawk li kkonducew l-investigazzjoni interna, illi dan ma kienx kaz ta` xi korruzzjoni izda kien kaz dovut ghall-ghaggla u nuqqasijiet ohra simili da parti ta` l-imputat.

Issa, fid-dawl tar-rizultanzi processwali kollha mehuda flimkien, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat ghandhux jinstab hati jew le taz-zewg imputazzjonijiet dedotti.

Il-bazi tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 75 hu li persuna ***taġixxi bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-ġurament li ssir skont id-disposizzjoni tal-artikolu 30*****.** Issa, huwa minnu illi fil-5 ta` Jannar 2010, l-imputat ghamel dikjarazzjoni skond l-artikolu tal-ligi msemmi. Izda gara li bl-Att XII ta` l-2010, madwar sena qabel l-allegat komportament mhux xieraq ta` l-imputat, l-imsemmi Artikolu 30 gie mhassar. Ghalhekk, il-bazi ta` l-azzjoni skond l-Artikolu 75 kienet spiccat.

Ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni a bazi ta` l-Artikolu 62(h), kollox jiddependi mill-element intenzjonali; il-persuna, irid ikun b'ghemil doluz (ossia dolozament), dewwem posta milli tigi mqassma. Fil-kaz ta` l-imputat, almenu f'zewg okkazjonijiet (ghax meta huwa ddahhal l-isptar – ara folio 28 - hemm argument li tali cirkostanza ghandha ggib fix-xejn kwalunkwe azzjoni), huwa car li huwa naqas milli jqassam numru ta` ittri. Dan zgur ma hux is-servizz li kull cittadin jippretendi minn pustier. Jista jinghad minghajr tlaqlieq, li l-imputat naqas fid-dmirijiet tieghu. Din kienet raguni bizzejjed biex fil-konfront tieghu saret investigazzjoni interna u kienet raguni sufficjenti bizzejjed biex qanqlet fih l-inizjattiva li jirrizenja minn jeddu mill-impjieg. Madankollu, mhux kull azzjoni li ma tkunx xierqa, igib maghha responsabbiltajiet taht il-ligi penali.

Allura l-mistoqsija issa hija, l-komportament ta` l-imputat, fic-cirkostanzi kollha, minkejja li huwa naqas fid-dmirijiet tieghu, igibu passabbli ghall-azzjoni kriminali skond l-Artikolu 62(h) tal-Kap 254?

Illi hawnhekk jehtieg li ssir parentezi zghira dwar il-kelma "dolozament" u x'tifsira ghandha tinghata f'kuntest ta` reat kriminali. Fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francis sive Frank Ellul" (App 182/2002 JGD 19 ta` Frar 2003) intqal hekk –

Illi din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Raymond Vella " [2.8.1999] kienet irriteniet li :- ***"Il-kelma "dolozament" ("maliciously" fit-test Ingliz) fl-Artikolu 138 hi intiza semplicement biex taghmilha cara li dan ir-reat hu wiehed doluz u mhux kolpuz; din il-kelma ma tfissirx li dan ir-reat jehtieg xi "malizja" jew "hazen" partikolari , oltre dak li hu rikjest ghall-finijiet tad-dolo, cioe' l-intenzjoni pozittiva diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta."***

Huwa minnu li fis-sentenza ccitata l-artikolu relevanti kien l-Art 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Izda certament illi d-definizzjoni tal-kelma dolozament hemm maghmulha hija legittimament trasferibbli u applikabbli ghal dak li jirrigwarda l-kelma "doluz" ("maliciously" fit-test ingliz) fl-Artikolu 62(h) tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta` Malta.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, u fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti mill-provi fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehema li l-agir ta` l-imputat Yessous Camilleri kien merament rizultat ta` nuqqas ta` dmirijiet minhabba li kien negligenti fil-komportament tieghu. It-traskuragni tieghu (hlief ghal dik l-okkazjoni meta kellu jittiehed l-isptar) kienet evidenti u ma kienx jixrqalu li jibqa fi hdan is-servizzi tal-posta. Dan kollu pero` ma jimplikax id-dolo rikjest ghas-sejbien tal-htija penali, la l-intenzjoni pozittiva diretta u lanqas l-intenzjoni pozittiva indiretta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib u tiddikjara lil Yessous Camilleri mhux hati ta` l-imputazzjonijiet**

**kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------